RAPPORT TAL-KUMITAT

DWAR IL-KONTIJIET PUBBLIĊI

# SKRUTINJU DETTALJAT TAL-KUNTRATT IFFIRMAT MA' HENLEY AND PARTNERS DWAR IL-PROGRAMM TAĊ-ĊITTADINANZA B'INVESTIMENT

*Rapport u rakkmandazzjonijiet ta' prattiċi tajbin dwar l-għoti ta' konċessjonijiet ta' servizz pubbliku*

PARLIAMENT OF MALTA
HOUSE OF REPRESENTATIVES

**Il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi huwa stabbilit permezz tal-Ordni Permanenti 120 E bil-għan li jagħmel skrutinju fuq in-nefqa pubblika, inkluż awtoritajiet statali u parastatali, jeżamina u jiddiskuti rapporti tal-Awditur Ġenerali u finalment jirraporta lill-Kamra dwar dak li jkun ġie diskuss.

**Il-membri attwali tal-Kumitat**

| | |
|---|---|
| L-Onor. Tonio Fenech | (President) |
| L-Onor. Chris Agius | (Membru) |
| L-Onor. Owen Bonnici | (Membru) |
| L-Onor. Joseph Farrugia | (Membru) |
| L-Onor. Claudio Grech | (Membru) |
| L-Onor. Charles Mangion | (Membru) |
| L-Onor. Mario de Marco | (Membru) |

**Lista tax-xhieda li dehru quddiem il-Kumitat**

| | |
|---|---|
| L-Onor. Owen Bonnici | - Ministru tal-Ġustizzja u l-Kultura |
| Is-Sur Joe Vella Bonnici | - *Executive Chairman*, Identity Malta |
| Is-Sur Jonathan Cardona | - CEO, *International Investor Programme* |
| Is-Sur Anthony Cachia | - Direttur Ġenerali fid-Dipartiment tal-Kuntratti |
| Is-Sur Kevin Mahoney | - Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali |
| Is-Sur Alfred Camilleri | - Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi |
| Il-Prof. Joseph Bannister | - *Chairman,* Malta Financial Services Authority u membru fil-Kumitat ta' Evalwazzjoni |
| Is-Sur Marvin Gaerty | - Kummissarju tat-Taxxi Interni u membru fil-Kumitat ta' Evalwazzjoni |
| Dr Mario Vella | - *Chairman* Eżekuttiv ta' Malta Enterprise u membru fil-Kumitat ta' Evalwazzjoni |
| Dr Reno Borg | - Avukat u membru tal-Kumitat tal-Appell |
| Is-Sur Adrian Said | - Membru tal-Kumitat tal-Appell |
| Is-Sur Joshua Zammit | - CEO, Malta Industrial Parks u *Chairman* tal-Kumitat tal-Appell |

## INTRODUZZJONI

Il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi Itaqa' tmien darbiet bejn it-18 ta' Frar u s-16 ta' Diċembru 2015 sabiex isir skrutinju dettaljat tal-kuntratt iffirmat mill-Gvern ma' *Henley and Partners* dwar il-programm dwar iċ-ċittadinanza b' investiment.

L-għan tal-Kumitat kien li jifli l-kuntratt, jagħmel skrutinju dwar il-proċess tal-għażla tal-konċessjoni u jiġi analizzat jekk kienx hemm rispett tal-prinċipji li jsawru governanza tajba.

L-għan ta' dan ir-rapport huwa li, abbażi ta' dak li ġie diskuss waqt il-laqgħat, jelenka numru ta' rakkomandazzjonijiet dwar il-prinċipji ta' governanza tajba li għandhom jiġu osservati meta tingħata konċessjoni tas-servizz pubbliku.

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

1. **Ir-responsabbiltà tal-proċess**

   Mix-xhieda ma ħarġitx distinzjoni ċara bejn ir-responsabbiltajiet f' dak li għandu x'jaqsam is-separazzjoni tar-responsabbiltà politika li għandha tinġarr mill-politiku u r-responsabbiltà amministrattiva li għandha tinġarr mis-settur pubbliku. Il-Kumitat huwa tal-fehma li filwaqt li l-politiku għandu dejjem ikun responsabbli għal dik li hi *policy*, però fejn jidħol il-proċess amministrattiv innifsu, is-settur pubbliku għandu jkun responsabbli mit-twettiq tal-proċedura u jara li dik il-proċedura qed tirrispetta l-prinċipji li jirregolaw il-governanza tajba.

2. **L-awtorità li tirrakomanda jekk kuntratt għandux jingħata permezz ta' konċessjoni**

   Mix-xhieda ħareġ li l-Ministeru kkonċernat ħa l-parir legali tal-Avukat Ġenerali qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni li jmur għall-*Public Service Concession*. Ir-rakkomandazzjoni ta' dan il-Kumitat hija li l-Awtorità Kontrattwali (f'dan il-każ il-Ministeru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali) għandha tmur l-ewwel għand id-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex tkun hi l-awtorità li tagħti d-direzzjoni għall-għażla ta' liema tip ta kuntratt l-istess Awtorità Kontrattwali għandha tagħżel. F'każ li jkun hemm nuqqas ta' qbil bejn l-Awtorità Kontrattwali u d-Dipartiment tal-Kuntratti, għandu jintalab il-parir tal-Avukat Ġenerali.

3. **Pubblikazzjoni tal-avviż dwar is-sejħa għall-offerti**

   Ir-rakkomandazzjoni ta' dan il-Kumitat hija li f'każijiet ta' sejħa għal *Public Service Concession* li tkun tinvolvi investiment ta' ċertu kobor u li sabiex tkun suċċess, jeħtieġ li tattira numru ta' investituri jew kandidati internazzjonali. Għalhekk ikun għaqli li l-pubblikazzjoni tal-avviż dwar is-sejħa għall-offerti ssir ukoll f'ġurnali internazzjonali. Minn April 2016, l-Awtorità Kontrattwali jista' jkollha wkoll l-obbligu li tippubblika l-avviż ukoll fil-Ġurnal tal-Unjoni Ewropea f'każ li jinqabeż l-ammont stipulat fid-direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni.

**4. Il-Kriterji tal-għażla**

Artikolu 7.3 tad-dokumenti tar-*Request for Proposals* jistabbilixxi l-kriterji tal-għażla. F'dan l-artiklu nsibu li l-Ministeru għażel li jmur għall-għażla tal-aktar offerta li hija ekonomikament vantaġġuża (Most Economic Advantageous Tender/Bid – MEAT). L-istess artikolu jagħti lista ta' kriterji li fuqhom ingħataw il-punteġġi. Il-Kumitat jaqbel li f'dan il-proċess ta' konċessjoni kien importanti li jingħataw marki fuq kriterji bħal ma huma l-esperjenza fil-qasam, ir-riżorsi li għandu l-applikant, u l-kuntatti fuq livell internazzjonali. Però l-Kumitat jirrakkomanda wkoll li fil-lista tal-kriterji li fuqhom ikun ser jingħataw il-punti, huwa importanti li l-prezz (u fil-każ ta' konċessjoni huwa l-perċentwal mid-dħul), ikun inkluż f'din il-lista tal-kriterji tal-għażla u jingħata l-punti.

**5. Kumitat tal-Evalwazzjoni u Kumitat tal-Appell**

Mix-xhieda ħareġ li l-membri tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni ġew nominati mill-Ministru u dawk tal-Kumitat tal-Appell ġew nominati mill-Prim Ministru. Waqt li l-Kumitat jaqbel li Ministru għandu dritt jidentifika jew jinnomina l-membri ta' dawn il-kumitati huwa importanti li tkun iffirmata dikjarazzjoni ta' imparzjalità u konfidenzjalità mill-istess membri li jkunu ser jiffurmaw parti mill-kumitat. Dan l-obbligu għandu jiġi mill-fatt li min jinnomina ma jistax ikun jaf fiċ-ċert jekk hemmx każi ta' kunflitt ta' interess u meta ssir id-dikjarazzjoni bil-miktub il-membru tal-kumitat ikun qed jerfa' r-responsabbiltà ta' dik id-dikjarazzjoni.

Mix-xhieda ħareġ ukoll li l-kumitati kienu magħmula minn tliet membri. Fil-każ tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni ma kienx hemm membru li jkollu r-rwol ta' *Chairman* u lanqas segretarju tal-Kumitat. Fil-każ tal-Kumitat tal-Appell kien hemm membru li ħa rwol ta' *Chairman* però ma ġiex nominat membru tal-kumitat li jassumi l-irwol ta' segretarju. Il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi jirrakkomanda li sabiex kumitat tal-evalwazzjoni jew tal-appell jiffunzjona tajjeb u jirrispetta l-prinċipji ta' governanza tajba, għandu jkun magħmul minn *Chairman*, Segretarju u tliet membri jew inkella numru fard ta' membri li xogħolhom hu li jagħmlu l-evalwazzjoni teknika tal-proposti mitfugħa. Huwa r-rwol tas-segretarju tal-Kumitat li jabbozza r-rapport bir-riżultat tal-evalwazzjoni li mbagħad jiġi approvat mill-membri kollha tal-Kumitat.

Dwar il-Kumitat tal-Appell mix-xhieda ħareġ li l-appellant għamel is-sottomissjonijiet bil-miktub u ma ngħatax l-opportunità li jidher quddiem l-istess Kumitat sabiex jagħti x-xhieda tiegħu. Il-Kumitat jirrakkomanda li anke fl-ispirtu tal-proċedura li juża l-*Public Contracts Review Board,* min jappella minn deċiżjoni jkollu l-opportunità li jitlob li jidher quddiem il-Kumitat tal-Appell, flimkien mal-possibbiltà li jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub.